**Minuti tat-380 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, s-Sur Robert Buhagiar u s-Sinjura Anna Calleja.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsillier is-Sur Kevin Plumpton fejn talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Sur Kevin Plumpton kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-379 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Pisani staqsa jekk kienx tħejja r-rapport dwar l-ispejjez tal-kuntratti u l-ispiza rikorenti tal-Kunsill.

Is-Sur Buttigieg staqsa x'kien sar fuq it-talba li saret lil-*Transport Malta* dwar sinjali ta' traffiku u parkegg fi Triq il-Kapuccini. Is-Sindku qal li sa llum il-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li m'approvatx li ssir *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'il-Gamblu' fi Triq Villabate. Is-Sur Buhagiar talab li sid il-ħanut jiġi nfurmat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar talba li għamel resident biex issir *timed parking bay* fi Triq il-Kunvent. Il-Kunsill ġie nfurmat li din it-talba ma setgħatx tiġi milqugħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar konferenza li ser tiġi organizzata mill-assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-politika nazzjonali dwar l-ilma. Din il-laqgħa ser isir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 2011. Is-Sindku ser jattendi għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Kunsill ta' Villabate li bagħtu l-awguri tagħhom għall-festi u s-sena l-ġdida.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Grupp Armar Ħaż-Żabbar fejn talab għajnuna għall-wirja marjana li ser tittella' bejn il-31 ta' Marzu 2011 u t-3 ta' April 2011 fis-Sala Notre Dame. Il-Grupp Armar esprima wkoll ix-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsillieri sabiex flimkien jiddiskutu kif il-Kunsill jista' ikun ta' għajnuna. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqa' mal-Grupp Armar. Rigward it-talba ta' għajnuna finanzjarja l-Kunsill qabel li din ma tistax tiġi milqugħa minħabba tibdil li sar bl-emendi tal-Att dwar Kunsilli Lokali li permess tagħhom tneħħiet kull possibilita' ta' għajnuna ta' dan it-tip li jistgħu jagħtu l-Kunsilli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija *Green Pak* fejn il-Kunsill ġie ppreżentat rapport dwar il-kampanja edukattiva ta' riċiklagg separat għar-residenti li saret bieb bieb fil-lokalita' f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni tal-Ilma fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-kuntratturi li kienu ser jgħaddu servizzi fi Triq Dun Frans Buhagiar, parti minn Triq ix-Xgħajra u Triq Caligari.

Inqrat *Memo* 9/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita' ta' librerija lokali. Għat-tielet sena ser tingħata għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli Lokali kollha li għandhom id-devoluzzjoni tal-librerija lokali jew inkella għandhom librerija li twaqqfet mill-Kunsill stess. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Grech talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-programm tal-laqgħat statutorji għas-sena 2011.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta' Finanzi

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Jannar, 2011 u s-26 ta' Jannar, 2011 li kien jammonta għal €47,731.01. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-Sena Finanzjarja 2011

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2011. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar, 2010 - 31 ta'Diċembru, 2010. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-*Financial Statements.*

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2011.

Inqraw il-minuti tas-seba' laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pace semma l-bżonn li jiġi rranġat l-isem ta' Triq il-Luq.

Is-Sur Pace staqsa meta se titwaħħal il-*bollard* fi Sqaq il-Biċċieni. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ressaq it-talba għall-approvazzjoni ta' *Transport Malta.*

Is-Sur Pace talab li jiġu rranġati trinek u jsir *patching* fi Triq Santa Marija.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jikteb lill-Kumpanija *Go* sabiex tneħħi l-kaxxa tal-*cables* tat-telefon minn taħt il-gallerija ta' residenza fi Triq Santa Marija.

Is-Sur Buttigieg talab li nerġgħu niktbu lil *Transport Malta* sabiex isiru sinjali u marki tat-traffiku fi Triq Kunsill tal-Ewropa ma' Triq tal-Labour peress li kienu qed isiru ħafna nċidenti.

Is-Sur Pace prezenta ritratti dwart skart f'Ħaż-Żabbar kif ukoll ħaxix li mhux qed jinqata'. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill jitkellem mal-Kuntrattur responsabli mill-ġbir ta' skart goff kif ukoll għaz-zamma ta' ndafa fil-lokalita'.

Is-Sur Pisani ressaq quddiem il-Kunsill inizjattiva 'Il-Kunsill flimkien miegħek' biex jinstabu ċittadini lesti li joffru ftit mill-ħin u mit-talenti tagħhom għall-ġid tal-komunita'. L-għanijiet ta' din l-inizjattiva huma tlieta: l-ewwel li tiżdied il-parteċipazzjoni taż-Żabbarin fil-ħidma tal-Kunsill, it-tieni permezz tal-volontiera tibda l-ħidma fuq diversi proġetti ppjanati mill-Kunsill Lokali u t-tielet li l-istess voluntiera jissuġerixxa huma stess inizjattivi li jistgħu jikkontribwixxu għall-ġid tal-komunita' permezz ta' *workshops* li ser jiġu organnizzati.

Is-Sur Pisani ppropona li jitwaqqaf Sotto Kumitat Forum Djalogu Soċjali. L-objettivi prinċipali ta' dan is-Sotto Kumitat huma, l-ewwel sabiex jiġu dentifikati oqsma ta' kollaborazzjoni komuni bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet u li jitħejja pjan biex tali kollaborazzjoni tiġi attwata. It-tieni li jiġi mħejji pjan bil-għan li jiġi kkultivat il-valur tar-responsabilita' soċjali fost iċ-ċittadini Żabbarin u t-tielet li l-forum iservi bħala spazju fejn l-Kunsill Lokali u l-għaqdiet iżommu kommunikazzjoni kontinwa bejniethom. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pisani semma l-bżonn li titwaqqaf *website* tal-Kunsill sabiex nagħmlu aktar kuntatt man-nies.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq iċ-Ċimiterju u Triq San Anard. Is-Sur Buttigieg talab ukoll li tiġi rranġata bankina fi Triq ix-Xgħajra quddiem ir-residenza Mohawk.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġi rranġat id-dawl mal-Monument tal-Gwerra kif ukoll semma li bozza fi Triq il-Klin kienet ilha għal ħafna żmien ma tixgħel.

Is-Sur Buhagiar staqsa meta ħa jsir il-*patching* fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal li Triq is-Santwarju kella ssir minn *Transport Malta* peress li l-volum tat-traffiku kien żdied sakemm sar ix-xogħol fi Triq Villabate.

Is-Sur Buhagiar qal li għall-prezentazzjoni li kienu ser jorganizzaw il-Kumpanija TCTC nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Jannar 2011 kienu mistiedna s-Sindku, il-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll żewġ skrivani tal-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk il-korsijiet li ser isiru humiex bla ħlas. Is-Sur Buhagiar qal li kien hemm ħlas ta' €10 u €15 għar-reġistrazzjoni u noti għall-korsijiet *Learn IT* u *ECDL Start* rispettivament.

Fis-7.25 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li ssir *sleeping policeman* fi Triq Alessio Erardi quddiem il-ħanut *Spik & Span.*

Is-Sur Buttigieg talab li jiġi rranġat il-ħawt mat-taraġ li hemm fi Triq iċ-Cawsli.

Is-Sur Bonnici talab li titwaħħal *notice board* f'Misraħ San Gakbu.

Is-Sur Bonnici semma li l-kumpanija *Greenpak* tat lill-Kunsill tliet *dog litter bins.* Is-Sur Bonnici ppropona li jitwaħħlu wieħed fiz-zona tal-*Housing Estate* fi Triq il-Fraxxnu, ieħor jitwaħħal fi Triq l-Iskola u ieħor fi Triq tal-Labour. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Wied il-Għajn ma' Triq il-Faqqus u Triq il-Qoton.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsillieri bid-dettalji kollha dwar il-programm li tħejja għal-Kunsill ta' Eschborn u l-Kunsill ta' Povoa De Varzim għal Bi-Annual Meeting u fl-okkazzjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Calleja talbet kopja tal-programmi li ġew imħejjija fl-okkazzjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Calleja talbet biex jiġi rranġat *ir-railings* ta' ħdejn l-iskola fi Triq il-Kunvent.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk hux qed jiġu nstallati l-*belisha beacons* maz-*zebra crossings*. Dwar id-dawl maz-*zebra crossing* fi Triq Wied il-Għajn, is-Sindku qal li dawn kienu għadhom ma twaħħlux minħabba li kien hemm ħafna lmenti mir-residenti u għalhekk is-Sindku ppropona li ssir laqgħa magħhom. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kien ingħata €4,000 taħt l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 biex itella' attivita' kulturali bl-isem 'Lejla fil-Belt Hompesch: *A Festival of Arts, History and Culture'* li ser issir f'Mejju ta' din is-sena. Il-Viċi Sindku qal li biex tittella' din l-attivita' hemm bżonn il-koperazzjoni ta' kulħadd u għalhekk kien qed iħejji pjan dettaljat u *budge*t biex ma jintefqux aktar flus milli stmat. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ is-somma ta' €4,000 għal din l-attivita' ma' €4,000 li ser jingħataw minn din l-iskema. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Il-Viċi Sindku ppropona li l-ispejjez li kienu jsiru f'pubblikazzjoni ta' materjal għall-Merħbiet ta' l-Istaġuni għal din is-sena ma jsirux. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li m'għandux isir pubblikazzjoni ta' materjal għall-Merħbiet ta' l-Istaġuni.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputata Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-381 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar 2011.

Domenic Agius
Sindku